MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 610/2003

***U.C.I.M. Co. Ltd.***

***vs***

***Raimondo Corradi u martu Iuana Corradi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rappresentanti l-import ta' sebgha kambjali, wahda ta' Lm37, bilanc, hamsa ta' Lm75 il-wahda u wahda ta' Lm88, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2001 sa Frar 2002 rispettivament u mhux
imhallsa, annessi ma' l-avviz u mmarkati bhala Dokumenti numri 1 sa 7, konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult, kif ukoll bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas–16 ta' Marzu

2003, kienu jammontaw ghal Lm59, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------